MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2376/1999/1

**Tanya Naudi**

**vs**

**Martin Naudi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tnax (12) ta' Settembru 1987 fil-Knisja parrokjali ta' San Gejtanu, il-Hamrun, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' l-iskrizzjoni elf, hames mija u erbgha u ghoxrin ta' l-elf disa` mija u sebgha u tmenin (1524/1987);

Illi l-kunsens tal-partijiet fil-mument taz-zwieg kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-

hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi peress li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi mhabba r-ragunijiet premessi u mhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-**artikolu 19 (1) ta' l-att dwar iz-zwieg (Kap 255)** iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett legali.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tnax (12) ta' Settembru 1987 huwa null u bla effett legali.

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita` tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa` ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-22 ta' Mejju 2000 fejn il-konvenut ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-26 ta' Mejju 2000 a fol. 11 fejn gie eccepit:-

1. Illi filwaqt li jaqbel li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-12 ta' Settembru 1987 huwa null u bla effett, jeccepixxi illi huwa ma kienx il-kawza ta' tali nullita` u li ghaldaqstant ma ghandux isofri spejjez;

2. Illi fil-fatt iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghal ragunijiet attribwibbli unikament lill-attrici innifisha;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 12 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 21 ta' Mejju 2001 fejn ipprezentat affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2000 fejn giet nominata Dr. Audrey Demicoli bhala Perit Legali; u ta' l-20 ta' April 2001; tas-27 ta' Settembru 2001.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali a fol. 24 sa 27 tal-process u l-affidavit tal-konvenut a fol. 31.

Rat l-avviz fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace.

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta' Frar 2002; tat-23 ta' Mejju 2002; tal-25 ta' Gunju 2002; u tat-23 ta' Ottubru 2002; tal-11 ta' Dicembru 2002 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) L-AZZJONI ATTRICI.

Illi l-attrici fil-premessi taghha tghid li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet

essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taghha; kif ukoll minhabba eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

**(B) <u>PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi l-**attrici** xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit kif ukoll *viva voce* fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2001. Hija xehdet li zzewget lill-konvenut meta kellha tnejn u ghoxrin (22) sena u huwa kellu erbgha u ghoxrin (24) sena u kienu ilhom jafu lil xulxin sena. Hija tispjega li l-aktar li kienu johorgu flimkien qabel iz-zwieg kien mal-hbieb, liema hbieb kienu hbieb tal-konvenut. L-attrici tghid li dan il-fatt ma tantx kien jaffetwaha peress li ghaliha l-importanti kien li tohrog u ma tibqax gewwa.

Illi l-istess attrici xehdet li qabel il-konvenut hija kellha namrat iehor li kienet ghamlet erba' snin u nofs (4½) mieghu, minn erbatax (14)-il sena sa tmintax (18½)-il sena u nofs, izda hija telqet lil dan in-namrat ghaliex qatt ma kien johrogha. Hija tghid li qabel ma bdiet tohrog mal-konvenut ghamlet sentejn u nofs (2½) wahedha u f'dan il-perjodu lanqas hbieb tfajliet ma kellha u qatt ma kienet tohrog.  Meta bdiet tohrog mal-konvenut bdiet tarah sabih ghaliex beda` johrogha u jghinha fil-flus.

Illi l-attrici tispjega li l-ambjent familjari li kienet tghix fih kien wiehed ferm infelici u nsolitu. Ommha kellha relazzjoni permanenti ma' ragel iehor, mill-liema relazzjoni twieled tifel, izda *nonostante cio'* din xorta baqghet tghix ma' zewgha. L-attrici tghid li *"dan hija, ghalkemm kellu missier differenti, kien jitrabba maghna, cjoe' fid-dar t'ommi u ta' missieri"*. Omm u missier l-attrici kienu kostantement jiggieldu u *inoltre* omm l-attrici kienet tghidilha li tobghodha. *"Jien ma stajtx noqghod izjed f'dik id-dar bl-inkwiet li kien hemm"*. Omm l-attrici telqet mid-dar u marret tghix mar-ragel l-iehor izda missier l-attrici kien inkwetat hafna u baqa' jrid lil martu u lit-tifel lura *nonostnate* kollox.  Oht l-attrici telqet mid-dar u marret tghix ma' ragel mizzewweg. *"Jien bqajt indur u nghaqad*

*fin-nofs, kont inhossni wahdi u mitluqa"*, tghid l-attrici, u tkompli tispjega li *"f'dan l-inkwiet kollu Martin kont sibtu wens u ggranfajt mieghu. Huwa kien offra li nizzewgu u li jigi joqghod ma' missieri. Jiena pariri ma kelli minghand hadd u kont naghmel kollox minn jeddi. Accettajt li nizzewweg ghaliex hsibt li b'dan il-mod kont ser insib soluzzjoni ghall-problemi li kont ninsab fihom".*

Illi l-attrici tghid li l-problemi fiz-zwieg bdew mill-ewwel, addirittura fil-*honeymoon* fejn il-partijiet iggieldu bis-serjeta' u l-attrici ghamlet tlett ijiem torqod ma' l-art. Hija tispjega li llum il-gurnata ndunat kemm il-konvenut kien biered fil-konfronti taghha, huwa kien ibusha izda qatt ma prova jmur *oltre* u dejjem skond l-attrici, dan il-bews kien aktar qisu bews bejn il-hbieb milli bews bejn l-gharajjes. Anki wara t-tieg il-partijiet mill-ewwel marru jorqdu. L-attrici ssostni li minn naha taghha hija ma kenitx taghti kaz ghaliex *"ma kienx jinteressani. Dak iz-zmien ma rrejalizzajtx li ma kienx normali. Nahseb li r-raguni kienet li la jien ma kont migbuda lejh bizzejjed u lanqas hu".*

Illi dwar ir-relazzjonijiet intimi bejniethom, l-attrici tghid li kellhom x'jaqsmu flimkien l-ewwel darba tlett ijiem wara t-tieg u kien il-konvenut li fittixha. Hija tghid li ma tiftakar xejn u li tahseb li kien fittixha l-konvenut. Ghall-ewwel zmien wara t-tieg il-partijiet gieli kien ikollhom x'jaqsmu flimkien izda l-attrici tghid li ghaliha *"kienet aktar xi haga li suppost , aktar milli nfittxu lil xulxin ghax ridna lil xulxin"*. Hija tghid ukoll li l-konvenut kien dejjem ifittixha hu, jinqeda u daqshekk. *"Ghalija kien aktar qisu hija jew habib tal-qalb milli zewgi. Meta kien jigi ghall-att sesswali kont aktar inhoss rabja milli sentiment. Pjacir xejn"*.

Illi l-attrici tispjega li meta kienet zghira kienet giet ittantatha minn membru tal-familja t'ommha u ssostni li dan il-kaz b'mod li kkondizzjonalha r-relazzjoni li kellha mal-konvenut. Hija tghid ukoll li kienet tisthi tbiddel quddiem il-konvenut u infatti kienet tbiddel fil-kamra tal-banju bil-bieb imsakkar. Meta l-konvenut kien jistaqsiha ghalfejn kienet qed tagixxxi b'dan il-mod hija kienet tirrispondi *"ghax hekk inhoss li ghandi naghmel".*

Illi wara z-zwieg il-partijiet ma tantx baqghu johorgu wisq u ghalhekk l-attrici bdiet tahdem bhala *waitress “aktar biex ma noqghodx id-dar milli ghal ragunijiet ohra”*. L-attrici tkompli tghid li meta hija u l-konvenut gieli hargu kienu jmorru f’bar partikolari fejn wara ftit tal-hin il-konvenut kien jitlaq u hija kienet tibqa’ wehidha. Hawnhekk hija ltaqghet ma’ barrani divorzjat u bdiet tohrog tiekol mieghu.

Illi fil-1996 l-partijiet bdew proceduri ta’ separazzjoni personali u l-attrici tghid li qabel din id-data hi u zewgha kienu ilhom sentejn u nofs ma jkollhom relazzjonijiet intimi ma’ xulxin. L-attrici kompliet ir-relazzjoni ma’ dan il-barrani u hija tghid li minn din ir-relazzjoni ndunat kemm mar-ragel ma kellhiex relazzjoni vera. *“Filwaqt li mar-ragel bqajt nisthi anki meta kien ikollna x’naqsmu bejnietna, ma’ Dragomir Aksentic sibtni mara differenti. Skoprejt li anki jien stajt insib pjacir f’relazzjoni ma’ ragel. Apparti u aktar mis-sess pero’ skoprejt li kont inhossni persuna shiha anki meta nkunu nitkellmu jew semplicement qeghdin flimkien. Dak li hassejt qatt ma kont esperjenzajtu qabel. Indunajt bid-differenza.”*, tispjega l-attrici li tghid ukoll li ma dan il-barrani kellha tarbija u stabbiliet familja *“haga li ma’ Martin qatt ma hassejt li stajt naghmel”.*

Illi l-**konvenut** xehed fil-qosor hafna permezz ta’ affidavit u *viva voce* in kontro-ezami. Huwa kkonferma hafna mill-affarijiet li qalet l-attrici izda specifika li kienet l-istess attrici li esprimiet ix-xewqa li jizzewgu u kien missierha li offrilhom li joqoghdu mieghu wara z-zwieg. Huwa jghid ukoll li ghalkemm huwa veru li hu migbud hafna lejn il-familja tieghu, m’huwiex minnu li jiddependi fuqhom kif tallega l-attrici. Il-konvenut jikkonferma li kien hemm xi granet fejn hu u l-attrici ggieldu izda jghid ukoll li huma kellhom x’jaqsmu flimkien l-ewwel lejl wara r-riceviment tat-tieg. Huwa jghid li l-attrici kienet tiddejjaq tbiddel quddiemu u kienet tinsisti li tmur tbiddel fil-kamra tal-banju.

Illi dwar ir-relazzjonijiet intimi bejn il-partijiet, il-konvenut jikkonferma li kien dejjem hu li kien ifittex lill-attrici *“hu veru li kont infittixha jien ghax li kieku ma kontx naghmel hekk hi ma kenitx tersaq lejja. Mhux minnu li jien kont*

*infittixha biex ninqeda u daqshekk, ghax jien kont nirrispetta lil marti u ghalija dak kien aspett importanti fiz-zwieg.”*

Illi in kontro-ezami l-konvenut ikkonferma li matul iz-zwieg huwa ghamel l-operazzjoni tas-*circumcision* u qal li qabel ma ghamel din l-operazzjoni kemm hu kif ukoll l-attrici kienu jweggghu waqt l-att sesswali. *“Jista’ jkun li din kienet wahda mill-affarijiet li zammitna l-boghod minn xulxin”*, jikkonkludi l-attur.

## (C) Principji Legali.

Illi l-attrici tinvoka s-**sub-incizi (d) u (f) ta’ l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255** fil-premessi tac-citazzjoni bhala ragunijiet sabiex iz-zwieg celebrat fit-12 ta’ Settembru 1987 jigi dikjarat null u bla effett. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-partijiet u jidrilha li hija ghandha tikkoncentra fuq is-sub-inciz **(d) ta’ l-artikolu 19(1)** *stante* li ma jidhirx li hemm provi sufficjenti sabiex iz-zwieg in kwistjoni jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-inciz (f)** ta’ l-imsemmi artikolu.

Illi s-**sub-inciz (d) ta’ l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255** jitratta dawk l-istanzi fejn il-kunsens tal-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi biex ikun hemm dan id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita’ psikika, li mhux necessarjament timplika anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku jew kostituzzjonali, li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Kif fissret din il-Qorti f’diversi sentenzi **“Isabelle Attard vs Stephen Attard”***,* P.A. 21 ta’ Novembru 1995), **“Samuela Lea Pavia vs John Pavia**”, P.A. 20 ta’ Mejju 1996) **Sandro Sciberras vs Janet Briffa gja’ Sciberras**, P.A. 16 ta’ Jannar 1998) dan id-

difett ta' kunsens kif ravvizat fil-ligi taghna m'ghandux jigi ekwiparat ma' semplici nkompatibbilta' ta' karattru, jew ma' decizjoni zbaljata.

Illi f''dan ir-rigward huwa ferm rilevanti dak li osservat il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli**" (P.A. 14 ta' Awissu 1995) fejn intqal hekk:-

*"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if anyone of the following three conditions or hypothesises is verified; (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not reached a sufficient amount of reflection that is proprtionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within".*

Illi kif jispjega l-gurista ***Bersini*:**

*"la discrezione di giudizio consta di due elementi distinti ma concorrenti e indipendenti: la piena avvertenza e il deliberato consenso. Solo quando l'individuo e' capace della piena comprensione morale e giuridica dell'atto che compie e della perfetta liberta' di elezione e deliberazione nel volerlo e attuarlo si puo' dire che egli l'abbia posto con la piena avvertenza e il deliberato consenso, cioe' nel possesso della sufficiente discrezione di giudizio.* ***(Bersini**, **F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Torino),** 1994, p 97).

Illi fis-sentenza **"Rose Titouah vs Dr. Joseph Mario Sammut"** (P.A. (RCP) 13 ta' Gunju 2002) fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly" .*

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity……"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** **In 'l'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus' and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000**); "Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid :-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** (Montreal, 1993) p. 686).

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap 255, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these*

*essential characteristics".* **(Vidadrich, P.J.** *op. cit.,* p. 687).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam"*) kif ukoll dak parzjali (*"colorem habens, substantiam vero alteram"*) tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *"*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu", jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza *(***"Bonnici vs Bonnici"** P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

*Illi fis-sentenza* **"Cali vs Dr. Albert S. Grech nomine"**. *(P.A. 22 ta' Gunju 1988*) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala **"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".**Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et"**, (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912) *:-*

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta,*

*ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jghatu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, din il-Qorti bhala il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied".* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns***, fii-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, **"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions. A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention (i.e. li teskludi l-indossolubbilta') was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi mill-provi prodotti huwa proprju f'dak li jirrigwarda l-kapacita' volitiva ta' l-attrici li tiddeciedi liberament, cjoe' li jkollha l-kapacita' volitiva shiha rikjesta ghall-finijiet ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, li l-Qorti jidrilha li kien hemm difett serju fil-kunsens ta' l-istess attrici u dan kollox

abbazi ta’ dak provdut fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi minhabba l-problemi familjari li kellha, l-attrici sabet wens fil-konvenut. Mix-xhieda taghha jirrizulta ampjament li hija ma kenetx kapaci tifhem x’jikkomporta z-zwieg u aktar u aktar x’kien ifisser zwieg normali, peress li l-ambjent familjari li kienet tghix fih kien wiehed pjuttost anomalu. Hija rat lill-konvenut bhala l-mezz li tohrog mid-dar, fis-sens li huwa kien johrogha ta’ spiss, u fil-mument li huwa, jew hi stess (ghaliex hemm kunflitt f’dan ir-rigward), ippropona biex jizzewgu, l-attrici rat iz-zwieg bhala s-soluzzjoni ghall-problemi li kellha.

Illi huwa ovvju li mill-provi l-istess attrici tidher li ma rriflettietx sew fuq l-importanza taz-zwieg u fuq id-drittijiet u dmirijiet naxxenti miz-zwieg, u dan huwa dovut kemm minhabba t-trobbija difficli li kellha fejn jirrizulta li hija ma kenitx kapaci tifhem f’xiex kienu jikkonsistu dawn id-drittijiet u dmirijiet, u anke ghaliex hija ma ratx iz-zwieg bhala unjoni ntiza sabiex jigi furmat nukleju familjari gdid bl-obbligi u dmirijiet kollha konnessi, izda biss bhala soluzzjoni ghall-problemi familjari li kellha.

Illi l-fatt li immedjatament wara z-zwieg bdew il-problemi, il-fatt li l-attrici qatt ma hassitha komda mal-konvenut la mill-lat sesswali, u aktar u aktar, anqas mill-aspett ta’ hajja in komuni, jindika inekwivokabbilment li l-istess attrici fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens ma kenitx kapaci tifhem dak li kienet diehla ghalih, u in verita’ l-immaturita’ taghha kienet tali li hija ma setghetx tifhem l-istess kuncett f’dak iz-zmien tal-hajja taghha. Mill-mod kif l-istess attrici xehdet din il-Qorti ghandha dubji serji jekk l-istess attrici tifhimx l-istess kuncett taz-zwieg illum, ghaliex hija daqsxejn imgebbda li kif qed tissuggerixxi l-attrici relazzjoni ma’ persuna ohra tista’ tifthilha ghajnejha ghal dak li suppost tara u tifhem car. L-unjoni u l-kuncett taz-zwieg ma huwiex mibni fuq kemm persuna thossha komda ma’ persuna ohra, u lanqas kemm wiehed jhossu li jista’ jesprimi ruhhu anke sesswalment ma’ l-istess persuna, izda hafna iktar minnhekk kollox mibni *in verita’* fuq ix-xewqa vera ta’ persuna li tghix ma’ persuna ohra

ghall-gid komuni tan-nukleu ta' familja li l-istess konjugi kapaci joholqu fihom infushom u wkoll jekk ikun hemm ma' uliedhom, espressjoni ta' hajja li hija permanenti u indossulibli fil-percezzjoni taghha.
Illi mill-provi jirrizulta kjarament li, almenu minn naha ta' l-attrici, ma kienx hemm dik ir-rabta u affezzjoni li wiehed jistenna minn koppja li ser tizzewweg. Iz-zwieg ma jistax jitqies bhala s-soluzzjoni ghall-problemi li wiehed jista' jkollu f'hajtu. L-attrici ma kellhiex il-maturita' psikologika sabiex tassumi l-obbligi u d-dmirijiet naxxenti miz-zwieg u hemm dubju serju jekk illum l-istess attrici ghandhiex din il-fakolta' volitiva u emottiva. Fil-fatt hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li dan kollu jindika mankanza ta' liberta' fl-attrici li tiddeciedi fuq l-oggett innifsu tal-kunsens matrimonjali, u din il-mankanza kienet fi grad tali li kunsens ghar-rabta taz-zwieg minn naha taghha kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali tal-istess zwieg u dan in partikolari fir-rabta taghha proposta mal-konvenut.  Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li abbzi tal-provi prodotti l-istess zwieg ghandu jigi ddikjarat null minhabba proprju difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti ta' l-istess attrici.

Illi fil-fatt jista' jinghad li r-raguni principali jekk mhux unika ghaliex l-attrici resqet ghal dan iz-zwieg kien sempliciment sabiex hija tehles mill-problemi li hija hasset li kellha meta hija kienet tghix mal-familja taghha, u certament li l-azzjoni taghha hawn kkunsidrata ma kenitx diretta ghal xi emozzjoni jew mhabba li hija kellha lejn il-konvenut, li litteralment u effettivament uzatu jew sabitu komdu ghall-iskopijiet taghha u dan kollu huwa ghall kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999)  inghad li:-

*"Fil-kawza "Haidin vs Haidin" (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun*

*lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq ' a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubbilta' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-' communio vitae'. Fil-kawza "Micallef vs Micallef' deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi jidher car li mill-provi prodotti l-immaturita' ta' l-attrici kienet tant gravi li hija ma kenitx kapaci lanqas tasal sabiex tifhem l-istess kuncett baziku u essenzjali tal-hajja mizzewga mal-konvenut u dak kollu li hasbet dwaru kien biss li l-istess zwieg mal-konvenut kien biss mezz sabiex minghaliha ssolvi l-problemi taghha jew ahjar tahrab minnhom. Il-kuncett taz-zwieg fortunatament huwa wisq izjed serju u kumpless minn hekk u fl-ahhar mill-ahhar huwa fini u skop ta' hajja fih innifsu u mhux mezz sabiex jigi abbuzat jew inkella sabiex wiehed jinqeda bih ghal-skopijiet ulterjuri kif jidher li ghamlet *in verita'* l-attrici, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi, kif inghad milqugha ghat-tenur ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-Qorti thoss li minn naha l-ohra l-provi prodotti ma humiex sufficjenti sabiex iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti jigi wkoll dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-inciz (f) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255,** ghalkemm

wara dak fuq deciz din il-kwistjoni hija biss ta' natura akkademika.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti jidrilha li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-12 ta' Settembru 1987 ghandu jigi dikjarat null u bla effett minhabba li l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat *ai termini* tas-**sub-inciz (d) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan li:-

1) Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-12 ta' Settembru 1987 *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2) Konsegwentement tordna li din in-nullita` tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------